MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 2578/2002

**Middle Sea Insurance Plc., kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmel Sammut u l-istess Carmel Sammut**

**Vs**

**Malta Drydocks u b'digriet tat-Tribunal tat-8 ta' Gunju, 2004 Saviour Gauci f'isem il-Gvern bhala successur tal-
Malta Drydocks assuma l-atti**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' mitejn u hamsa u hamsin lira Maltin u hames centezmi (Lm255.05c) rapprezentanti danni li sofrew meta waqa' xi gebel minn fuq il-hajt tas-socjeta' konvenuta fuq il-vettura FBF 662

ghal liema ncident is-socjeta' konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba negligenza u traskuragni.
Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta fejn fl-ewwel lok qalet li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Fit-tieni lok is-socjeta' konvenuta tghid li ma tahti l-ebda mod ghall-incident imsemmi fit-talba. Tghid ukoll illi l-eccepjenti sal-lum ma jirrizultalhiex li waqa' xi gebel mill-proprjeta' taghha u ma taf b'ebda raguni ghaliex kellu jaqa' xi gebel mill-proprjeta' taghha.

Ra l-*Incident Report* fejn Carmel Sammut qal:

"Vehicle Reg. No. FBF 662 sustained damages due to the fact that a stone slab fell from the boundary wall of the Malta Drydocks in Triq ix-Xatt ta' Bormla and landed on the said vehicle. Vehicle FBF 662 sustained the following damages: roof, bonnet, and windscreen. He had last seen his vehicle intact yesterday on the 14th October, 2000."

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' PC 299 Charles Mallia fejn jikkonferma r-rapport. Jghid ukoll illi kien mar fuq il-post u ra l-gebla fuq il-karozza kif ukoll gebel nieqes mill-hajt tal-Malta Drydocks. Ma jafx jekk il-gebla li kien hemm fuq il-karozza kienetx parti mill-hajt jew le.

Mallia jghid li l-gurnata ta' qabel kien il-maltemp.

Ra x-xhieda ta' Joseph Caruana li huwa *Senior Security Guard* mas-socjeta' konvenuta fejn jikkonferma l-kontenut tar-rapport. Jikkonferma wkoll li kien mar fuq il-post u ra l-gebla fuq il-karozza. Jghid li ma harisx lejn il-hajt. Jikkonferma li l-*windscreen* kien imkisser. Ma ra l-ebda hsara fuq il-*bonnet* u s-saqaf tal-karozza.

Jikkonferma wkoll illi l-gurnata ta' qabel l-incident kien il-maltemp.

Ra x-xhieda ta' John Callus li huwa l-*Motor Car Surveyor* tas-socjeta' attrici fejn jikkonferma li l-karozza kellha hsara

fil-*windscreen*, fis-saqaf u fil-*bonnet*. Jghid li hu ra l-marki tal-gebel fuq l-istess karozza.

Ra x-xhieda ta' Carmel Sammut li huwa l-propretarju tal-vettura FBF 662 fejn jikkonferma li qal fir-rapport. Jghid li wahda mill-girien Jennifer Borg kienet semghet hoss kbir u harget barra. Kienet hi li marret tghid lil Sammut x'kien gara.

Sammut jikkonferma li s-socjeta' attrici hallset id-danni li sofra u hu hallas hamsin lira Maltin (Lm50) bhala *excess*.

Ra x-xhieda ta' Jennifer Borg, prodotta mis-socjeta' attrici, fejn tghid li dakinhar ta' l-incident kienet semghet hoss kbir u harget tittawwal barra. Rat il-gebel fuq il-vettura ta' Sammut kif ukoll haddiema tad-Drydocks jahdmu fuq dan il-hajt minfejn waqa' l-gebel.

Ra r-Rikors ta' Saviour Gauci f'isem il-Gvern bhala successur tal-Malta Drydocks fejn jghid illi bl-Att dwar ir-Ristrutturar tat-Tarzna ta' Malta u tal-Marsa Shipbuilding Yard (Att XV ta' l-2003), il-Malta Drydocks spiccat. Jghid illi ai termini ta' l-Artikolu 3(2) ta' l-istess Att, l-azzjonijiet kollha pendenti quddiem xi Qorti jew Tribunal li jkunu bdew minn jew kontra l-Malta Drydocks ghandhom jitkomplew minn jew kontra dak l-Ufficjal Pubbliku f'isem il-Gvern. Ghaldaqstant l-esponent gie mahtur bhala Ufficjal Pubbliku sabiex jirrapprezenta lill-Gvern ai termini ta' l-imsemmija ligi.

Ra x-xhieda tal-Perit Dennis Azzopardi, prodott minn Saviour Gauci, li dak iz-zmien ta' l-incident kien *Special Projects Manager* mas-socjeta' konvenuta, fejn jghid illi kien mar fuq il-post ma' Charles Saliba u l-Perit Joe Cassar. Jghid li l-gebla li suppost kienet waqghet fuq is-saqaf tal-vettura ta' Sammut kienet ma' l-art u fuq l-istess saqaf kien hemm biss frak tal-gir. Jikkonferma li l-*windscreen* kien imkisser.

Il-Perit Dennis Azzopardi jghid ukoll illi flimkien mal-Perit Joe Cassar u l-Manager kienu telghu fuq il-bjut sabiex jaraw jekk kienx hemm periklu u jippruvaw ukoll jillokaw

minfejn waqghet il-gebla.  Jikkonferma li ma kienu sabu xejn. Is-socjeta' konvenuta qatt ma sewwiet dan il-bini wara l-imsemmi ncident ghaliex ma kienx hemm bzonn.

Fil-kontro-ezami l-Perit Dennis Azzopardi jghid li anki jekk tmur issa fuq il-post ta' l-incident ukoll issib gebel nieqes izda xorta ma jistax jaqa' gebel iehor ghaliex dawn jikkorrodjaw 'il gewwa.  Jghid ukoll illi dak iz-zmien li gara l-incident kien ghadu jsir *regular maintenance* fuq l-istess hajt ghaliex kien okkupat fuq gewwa.

Ra x-xhieda tal-Perit Joe Cassar li dak iz-zmien kien jahdem mas-socjeta' konvenuta fejn jghid illi dakinhar ta' l-incident kien fuq il-post.  Jghid li ma setax jilloka minfejn waqghet il-gebla u jikkonferma li kien hemm bicciet tal-gebel nieqes.

Jghid ukoll li kien qed isir xoghol ta' kostruzzjoni f'post fil-vicin.

Jikkonferma li ma telax mal-Perit Dennis Azzopardi fuq il-bejt.

Il-Perit Joe Cassar jikkonferma wkoll illi l-hsara fil-vettura ta' Sammut kienet fil-*windscreen* biss.

L-ewwel eccezzjoni hija dwar il-preskrizzjoni.  Illi l-incident gara fil-15 t'Ottubru, 2000.  Il-kawza giet ipprezentata fit-28 t'Ottubru, 2002.  Giet ipprezentata Ittra Ufficjali fl-1 t'Ottubru, 2002 liema Ittra giet notifikata fl-4 t'Ottubru, 2002.  Ghalhekk l-azzjoni m'hijiex preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.  Ghalhekk jichad l-ewwel eccezzjoni.

Illi fit-tieni u fit-tielet eccezzjoni s-socjeta' konvenuta tghid li m'ghandhiex tort billi ma jirrizultalhiex li waqa' xi gebel mill-proprjeta' taghha.

Illi jirrizulta mix-xhieda ta' Jennifer Borg li semghet hoss kbir, harget tittawwal u rat gebla fuq il-karozza ta' Carmel Sammut.  Jennifer Borg qalet li l-gebel gie mill-hajt tad-Dockyard.  Hi qalet li wara li sar l-incident rat haddiema

tad-Dockyard jahdmu fuq il-hajt. Jennifer Borg qalet li qabel m'ghamlu dawn ir-riparazzjonijiet il-hajt kien fi stat hazin hafna. PC 299 Charles Mallia kkonferma li kien hemm gebla fuq il-karozza ta' l-attur u meta hares lejn il-hajt tad-Drydocks ra gebel nieqes. Dawn iz-zewg xhieda ndipendenti jikkonvincu lit-Tribunal li l-verzjoni ta' l-attur hija korretta.
Illi l-verzjoni tal-fatti ta' l-attur hija pruvata.

Ghaldaqstant jiddikjara li s-socjeta' konvenuta hi responsabbli ghad-danni f'incident meta waqghet gebla fuq il-karozza ta' l-attur billi naqset li zzomm il-hajt taghha fi stat tajjeb. Illi gew esebiti l-ircevuti u s-*survey* u d-danni jidhru ragunevoli.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tas-socjeta' konvenuta u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u hamsa u hamsin lira Maltin u hames centezmi (Lm255.05c) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Ittra Ufficjali (4 t'Ottubru, 2002).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------